Nru./No. 20,062
Prezz/Price
€4.14

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru, 2018
Friday, 28th September, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 9321 - 9327
Government Notices ..... *9321 - 9327*

Avviżi tal-Pulizija ..... 9327 - 9329
Police Notices ..... *9327 - 9329*

Avviż lill-Baħħara ..... 9329 - 9333
Notice to Mariners ..... *9329 - 9333*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 9333 - 9373
Employment Opportunities ..... *9333 - 9373*

Avviżi tal-Gvern ..... 9373 - 9379
Notices ..... *9373 - 9379*

Offerti ..... 9380 - 9394
Tenders ..... *9380 - 9394*

Avviżi tal-Qorti ..... 9394 - 9408
Court Notices ..... *9394 - 9408*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1125

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Aġent President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approvat il-ħatra bħala Aġent Avukat Ġenerali ta' Dott. Victoria Buttigieg, BA, LLD, MA (Fin. Serv.), Assistent Avukat Ġenerali, bejn is-7 u l-14 ta' Settembru, 2018.

It-28 ta' Settembru, 2018

Nru. 1126

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Bord ta' Sorveljanza Marittima

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-Artiklu 39 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499), il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għoġbu jagħmel dawn il-ħatriet li ġejjin bħala membri tal-Bord ta' Sorveljanza Marittima:

Chairperson
Is-Sur Christopher Cutajar

Membri
Inġ. Kurt Gutteridge
Inġ. Jesmond Tonna

Segretarja
Is-Sa Vivienne Chircop

Dawn il-ħatriet jibqgħu japplikaw għall-perjodu ta' sena b'seħħ mit-23 ta' Ottubru, 2018.

It-28 ta' Settembru, 2018

Nru. 1127

ATT TAL-2018 DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOTERAPIJA (KAP. 587)

Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta, (Kap. 587), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra tal-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta, kif ġej:

GOVERNMENT NOTICES

No. 1125

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the Acting President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment as Acting Attorney General of Dr Victoria Buttigieg, BA, LLD, MA (Fin. Serv.), Assistant Attorney General, between 7th and 14th September, 2018.

28th September, 2018

No. 1126

AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA ACT (CAP. 499)

Maritime Supervisory Board

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 39 of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499), the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects has made the following appointments as members of the Maritime Supervisory Board:

Chairperson
Mr Christopher Cutajar

Members
Ing. Kurt Gutteridge
Ing. Jesmond Tonna

Secretary
Ms Vivienne Chircop

These appointments remain valid for a period of one year with effect from the 23d October, 2018.

28th September, 2018

No. 1127

PSYCHOTHERAPY PROFESSION ACT, 2018 (CAP. 587)

Board for the Psychotherapy Profession in Malta

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 4 of the Psychotherapy Profession Act, (Cap. 587), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family, Children's Rights and Social Solidarity has approved the appointment of the Board for the Psychotherapy Profession in Malta as follows:

Chairperson
Is-Sur Charles Cassar

Viċi Chairperson
Dr Alexia Farrugia Zrinzo

Membri
Il-Prof. Angela Abela
Dr Charles Azzopardi
Is-Sa Karen Bishop
Is-Sa Elena Borg
Is-Sa Katya Caruana
Is-Sa Mikela Smith La Rosa
Is-Sa Lisa Sultana

Segretarju
Fr Paul Formosa

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mis-17 ta' Settembru, 2018.

It-28 ta' Settembru, 2018

Chairperson
Mr Charles Cassar

Vice Chairperson
Dr Alexia Farrugia Zrinzo

Members
Prof. Angela Abela
Dr Charles Azzopardi
Ms Karen Bishop
Ms Elena Borg
Ms Katya Caruana
Ms Mikela Smith La Rosa
Ms Lisa Sultana

Secretary
Fr Paul Formosa

These appointments are for a period of three years with effect from the 17th September, 2018.

28th September, 2018

Nru. 1128

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI/REĠISTRATUR (QRATI U TRIBUNALI TA' GĦAWDEX)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 1128

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL/REGISTRAR (GOZO COURTS AND TRIBUNALS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Culture and Local Government has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Anthony Mizzi	Aġent Direttur Ġenerali u Reġistratur, Qrati u Tribunali ta' Għawdex *Acting Director General and Registrar, Gozo Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja (Għawdex) *Courts of Justice (Gozo)*	26-28.9.2018 both days included

It-28 ta' Settembru, 2018

28th September, 2018

Nru. 1129

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

Ħatra ta' Membru fuq il-Bord ta' Pjazza Teatru Rjal

NGĦARRFU illi l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ħatar lis-Sur George Zahra bħala membru tal-Bord ta' Pjazza Teatru Rjal. Din il-ħatra hija valida għal perjodu ta' sena mit-22 ta' Settembru, 2018.

It-28 ta' Settembru 2018

No. 1129

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Member on the Pjazza Teatru Rjal Board

IT is notified that the Minister for Justice, Culture and Local Government has approved Mr George Zahra as a member of the Pjazza Teatru Rjal Board. This appointment is for a period of one year as from the 22nd September, 2018.

28th September, 2018

Nru. 1130

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Kuraturi Uffiċjali w Avukati għall-Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ħatar lil Dott. Joseph Brincat, LLD u Dott. Marita Pace Dimech, LLD bħala Kuraturi Uffiċjali u Avukati għall-Għajnuna Legali għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2018 u s-7 ta' Frar, 2019.

Is-27 ta' Settembru, 2018
(MJCL/223/2014/6)

No. 1130

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Official Curators and Advocates for Legal Aid

IT is notified for general information that the Minister for Justice, Culture and Local Government has appointed Dr Joseph Brincat, LLD and Dr Marita Pace Dimech, LLD as Official Curators and Advocates for Legal Aid for the period between 1st October, 2018 and 7th February, 2019.

27th September, 2018

Nru. 1131

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali mill-1 ta' Ottubru, 2018:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Ħal Lija	Doriette Farrugia

It-28 ta' Settembru, 2018

No. 1131

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 1st October, 2018:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Ħal Lija	Doriette Farrugia

28th September, 2018

Nru. 1132

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ippjanar b'din tiddikjara li l-proprjetà imsemmija hawn taħt qiegħda tiġi inkluża fil-Lista ta' Proprjetà Skedata bħala binja ta' Grad 1 (kif indikat fil-mappa f'paġna 9324), skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u permezz tal-paragrafi 1.13, 2.27, u *policies* TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED) kif ġej:

Mappa 1: Villa Barbaro Bello-sguardo Nru. 45, Triq il-Kbira u Triq Sant' Anna, Ħ'Attard **Grad 1**

L-Awtorità dwar l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-Artikolu 57 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda Proprjetà Skedata.

Is-26 ta' Settembru 2018

No. 1132

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)


Scheduling of Property

THE Planning Authority is hereby declaring the property mentioned hereunder as included in the List of Scheduled Property as a Grade 1 building (see attached map on page 9324) in terms of Article 57 of the Development Planning Act, 2016, and paragraphs 1.13, 2.27, and policies TO8, UO2 and RO4 of the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED) as follows:

Map 1: Villa Barbaro Bello-sguardo No. 45, Triq il-Kbira and Triq Sant' Anna, Ħ'Attard **Grade 1**

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to Scheduled Property.

26th September, 2018


PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin www.pa.org.mt
Floriana FRN 1230 Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Scheduling of Property
Villa Barbaro
Bello-sguardo
Legend:
Villa Barbaro Bello-sguardo
Nru. 45,
Triq il-Kbira u Triq Sant' Anna,
H'Attard
GRADE 1
Ref. No.: GF 0047/17 Map No.: 1
TRIQ IL-MITHNA
TRIQ SANT' ANTON
TRIQ IL-BELT VALLETTA
TRIQ TOMMASO DINGLI
TRIQ G. HYZLER
TRIQ IL-KNISJA
KNISJA
TRIQ IL-KBIRA
PJAZZETTA SANT' ANNA
TRIQ SANT' ANNA
PJAZZA TAL-KNISJA
KAPPELLA
TRIQ IL-MOSTA
TRIQ SAN DUMINKU
TRIQ IR-RAND
0 0.025 0.05 Km

Nru. 1133

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'ULAANBAATAR, IL-MONGOLJA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Erdenedalai Odkhuu bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Ulaanbaatar, Il-Mongolja.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li gej:

Melville Erdenedalai LLP
Suite 810, Shangri-La Office
Shangri-La Center
1st Khoroo
Sukhbaatar District
Ulaanbaatar 14241
Mongolia

Numru tat-telefown: +976 70128913
Numru tal-mowbajl: +976 99108478

Email: (maltaconsul.ulaanbaatar@gov.mt)

It-28 ta' Settembru, 2018

No. 1133

HONORARY CONSUL OF MALTA IN ULAANBAATAR, MONGOLIA

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Erdenedalai Odkhuu as Honorary Consul for Malta in Ulaanbaatar, Mongolia.

The Consulate is situated at:

Melville Erdenedalai LLP
Suite 810, Shangri-La Office
Shangri-La Center
1st Khoroo
Sukhbaatar District
Ulaanbaatar 14241
Mongolia

Telephone number: +976 70128913
Mobile number: +976 99108478

Email: (maltaconsul.ulaanbaatar@gov.mt)

28th September, 2018

Nru. 1134

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'ST. PÖLTEN, L-AWSTRIJA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Andreas Prinz bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'St. Pölten, l-Awstrija.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li gej:

Domplatz 2
A-1300 St St. Pölten
Austria

Numru tal-mowbajl: +43 676 84 68 68 13

Email: (maltaconsul.stpolten@gov.mt)

It-28 ta' Settembru, 2018

No. 1134

HONORARY CONSUL OF MALTA IN ST. PÖLTEN, AUSTRIA

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Andreas Prinz as Honorary Consul for Malta in St. Pölten, Austria.

The Consulate is situated at:

Domplatz 2
A-1300 St St. Pölten
Austria

Mobile no: +43 676 84 68 68 13

Email: maltaconsul.stpolten@gov.mt

28th September, 2018

Nru. 1135

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'MEDAN, SUMATRA, L-INDONEŻJA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Jonas Hudaja bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Medan, Sumatra, l-Indoneżja.

No. 1135

HONORARY CONSUL OF MALTA N MEDAN, SUMATRA, INDONESIA

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Jonas Hudaja as Honorary Consul for Malta in Medan, Sumatra, Indonesia.

L-indirizz tal-Konsolat huwa li gej:

Jl. Juanda No. 29-B, Medan
20112, Indonesia

Numru tat-telefown: +62 61 794 3333
Numru tal-mowbajl: +62 8126 0586 07

Email: (maltaconsul.sumatra@gov.mt)

It-28 ta' Settembru, 2018

Nru. 1136

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372); u l-ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż skont l-Artikolu 29(1) u Artikolu 73(2)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u/jew tal-artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan javża lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru fit-Taqsima tat-*Tax Audits/Tax Compliance Unit* fi Blokk 4 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Isem	*Referenza*
Stephen Fiteni	443170M
Roderick J Theuma	664082M
Arnold Baldacchino	597277M
Anton Grech	522173M
Alphonse Farrugia	2013380P
Joseph Caruana u Ritienne Caruana	2475G
Emad Eldin Elshohby	27203A
Antoine Borg	39472M
David Falzon	367969M
Il-werrieta ta' Antonia Pace	64821M
Carmel Gauci	421770M
Neville Muscat u Natasha Muscat	464573M

It-28 ta' Settembru, 2018

Nru. 1137

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija

The Consulate is situated at:

Jl. Juanda No. 29-B, Medan
20112, Indonesia

Telephone number: +62 61 794 3333
Mobile no: +62 8126 0586 07

Email: (maltaconsul.sumatra@gov.mt)

28th September, 2018

No. 1136

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372); and VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)

Notice in terms of Article 29(1) and Article 73(2)

IN terms of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Tax Audits Section/Tax Compliance Unit at Block 4 of the Inland Revenue Department, Floriana, within thirty days of this notice to collect the notices made on such persons/companies.

Name	*Reference*
Stephen Fiteni	443170M
Roderick J Theuma	664082M
Arnold Baldacchino	597277M
Anton Grech	522173M
Alphonse Farrugia	2013380P
Joseph Caruana and Ritienne Caruana	2475G
Emad Eldin Elshohby	27203A
Antoine Borg	39472M
David Falzon	367969M
The heirs of Antonia Pace	64821M
Carmel Gauci	421770M
Neville Muscat and Natasha Muscat	464573M

28th September, 2018

No. 1137

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61(1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the

aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq Il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Mercieca Julian	5171G	IV 138619
Azzopardi Raymond	12279G	IV 137666
Schembri Edwin	569160M	IV 137635
Caruana Elton	137275M	IV 138777
Bartolo & Bugeja Limited	Roc No.: C 61169	IV 138769
Galea Emilia	887974407	CM 052467
AVMT Holdings Ltd	Roc No.: C 25140	IV 137866

It-28 ta' Settembru, 2018

Nru. 1138

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

28th September, 2018

No. 1138

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
28.9.2018	€33.096	€0.425

It-28 ta' Settembru, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 154

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Mosta

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018, bejn il-5.00 a.m. u nofsinhar fi Pjazza Rotunda Parking Area.

28th September, 2018

POLICE NOTICE

No. 154

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Mosta

On Friday, 5th October, 2018, between 5.00 a.m. and noon in Pjazza Rotunda Parking Area.

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, bejn it-3.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq il-Kbira, Pjazza Rotunda, Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq il-Barrieri, Triq Gafà, Triq Stivala u Pjazza Mons Anġ Camilleri.

Il-Mellieħa

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, bejn it-3.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq San Pawl, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u Misrah il-Parroċċa.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Settembru, 2018

On Sunday, 7th October, 2018, between 3.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq il-Kbira, Pjazza Rotunda, Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq il-Barrieri, Triq Gafà, Triq Stivala and Pjazza Mons Anġ Camilleri.

Mellieħa

On Sunday, 7th October, 2018, between 3.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq San Pawl, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa and Misrah il-Parroċċa.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

28th September, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 155

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imqabba

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, mill-5.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq tal-Karmnu, Triq Valletta u Triq il-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Novembru, 2018, mit-3.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq Karmenu Ciantar, Triq in-Nazzarenu u Triq Ħal Kirkop.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, mill-5.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn Misraħ San Leonardu, Triq il-Kbira, Triq Nejder, Triq il-Lewżiet, Triq San Nikola, Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Misraħ Ħal Kirkop u Triq il-Parroċċa.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, parti min Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Ix-Xagħra (Għawdex)

Nhar is-Sibt, 29 ta' Settembru, 2018, minn nofsinhar sal-11.30 p.m., minn Triq Mannar.

Nhar is-Sibt, 29 ta' Settembru, 2018, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Pjazza Ġesù Nazzarenu u Triq Ġnien Xibla.

POLICE NOTICE

No. 155

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Mqabba

On Sunday, 7th October, 2018, from 5.00 p.m. till 9.30 p.m., through Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq tal-Karmnu, Triq Valletta and Triq il-Parroċċa.

On Sunday, 4th November, 2018, from 3.00 p.m. till 9.30 p.m., through Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq Karmenu Ciantar, Triq in-Nazzarenu and Triq Ħal Kirkop.

Ħal Kirkop

On Sunday, 7th October, 2018, from 5.00 p.m. till 9.30 p.m., through Misraħ San Leonardu, Triq il-Kbira, Triq Nejder, Triq il-Lewżiet, Triq San Nikola, Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Misraħ Ħal Kirkop and Triq il-Parroċċa.

Żurrieq

On Sunday, 7th October, 2018, from 5.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, parti min Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

Xagħra (Gozo)

On Saturday, 29th September, 2018, from noon till 11.30 p.m., through Triq Mannar.

On Saturday, 29th September, 2018, from 4.00 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza Ġesù Nazzarenu and Triq Ġnien Xibla.

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Settembru, 2018, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Ġnien Xibla, Triq il-Ġnejna, Triq Ta' Gajdoru, Triq Ta' Mannar u Triq Ta' Ġorf.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., mit-Telgħa tal-Kastell, Pjazza Independenza, Triq is-Suq, Triq Agius de Soldanis, Triq Palma u Triq ir-Repubblika.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, mill-10.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Santu Rokku, Triq l-Imsida u Triq Sant'Elena.

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, mis-7.00 p.m. 'il quddiem, minn Pjazza Sant'Elena u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018, mis-6.30 a.m. 'il quddiem, minn Triq Bwieraq, Triq il-Karmnu, Triq Brared, Triq in-Naxxar, Triq il-Fuħħarin u Triq Ignazio Saverio Mifsud.

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018, minn nofsinhar sad-9.00 p.m., minn Triq Gori Mancini.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħamis, 11 ta' Ottubru, 2018, mis-2.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Sisner u Triq San Valentin.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Settembru, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 107 tal-2018

Iffilmjar f'Lokalitajiet Differenti f'Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u sidien ta' bastimenti illi attivitajiet ta' ffilmjar se jseħħu f'lokalitajiet differenti f'Malta.

L-iffilmjar se jseħħ nhar is-Sibt, 29 ta' Settembru, 2018 bejn is-6.00 a.m. u s-7.00 p.m. mill-lokalitajiet li ġejjin:

Lil hinn minn Paradise Bay, murija bħala punt A fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Ras in-Niexfa, murija bħala punt B fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

On Sunday, 30th September, 2018, from 3.00 p.m. till midnight, through Triq Ġnien Xibla, Triq il-Ġnejna, Triq Ta' Gajdoru, Triq Ta' Mannar and Triq Ta' Ġorf.

Rabat (Gozo)

On Sunday, 7th October, 2018, from 6.00 p.m. till 9.00 p.m., through Telgħa tal-Kastell, Pjazza Independenza, Triq is-Suq, Triq Agius de Soldanis, Triq Palma u Triq ir-Repubblika.

Birkirkara

On Sunday, 7th October, 2018, from 10.00 a.m. onwards, through Triq Santu Rokku, Triq l-Imsida and Triq Sant'Elena.

On Sunday, 7th October, 2018, from 7.00 a.m. onwards, through Pjazza Sant'Elena and Triq il-Kbira.

On Friday, 5th October, 2018, from 6.30 a.m. onwards, through Triq Bwieraq, Triq il-Karmnu, Triq Brared, Triq in-Naxxar, Triq il-Fuħħarin and Triq Ignazio Saverio Mifsud.

On Friday, 5th October, 2018, from noon till 9.00 p.m., through Triq Gori Mancini.

Ħal Balzan

On Thursday, 11th October, 2018, from 2.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq Sisner and Triq San Valentin.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

28th September, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 107 of 2018

Filming in Different Localities in Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and sea vessel operators that filming activities will take place in different localities in Malta.

Filming will be carried out on Saturday, 29th September, 2018 between 6.00 a.m. and 7.00 p.m. from the following locations:

Off Paradise Bay, shown as point A on chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Ras in-Niexfa, shown as point B on chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Mellieħa Bay, murija bħala punt C fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Ma għandu jidher xejn fuq l-orizzont minn punti A, B u C mill-angolu kif jidher fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), waqt il-ħinijiet tal-iffilmjar imniżżla hawn fuq.

F'każ ta' maltemp fid-29 ta' Settembru, 2018, l-iffilmjar isir fl-istess ġurnata imma barra l-Port il-Kbir.

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti meta jkunu qed ibaħħru fil-viċinanza taż-żoni ta' hawn fuq.

Sidien u operaturi ta' bastimenti għandhom jikkoperaw mal-uffiċjali ta' infurzar fiż-żona. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet mogħtija mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12.

Charts affettwati: BA 2537, 2538, 211A u 194.

It-28 ta' Settembru, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 108 tal-2018

Roberts Cup – Seaplane Rally bejn Como u Malta – 2018

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf illi l-Malta Seaplanes Association b'kollaborazzjoni mal-Aero Club Como se jorganizzaw ir-Roberts Cup – Seaplane Rally bejn Como u Malta 2018, bejn il-Ħamis, 4 ta' Ottubru, 2018 u t-Tnejn, 8 ta' Ottubru, 2018. Parti mir-*rally* se ssir fil-Port il-Kbir.

Il-wirjiet tal-ajru fuq il-Port il-Kbir se jsiru kif ġej:

Il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018, bejn l-4.00 p.m. u l-5.00 p.m.

Is-Sibt, 6 ta' Ottubru, 2018, bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m. u bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m.

Il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018, bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m. and bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m.

Il-ħinijiet kollha huma ħin lokali.

Il-wirjiet jikkonsistu prinċipalment f'manuvri ta' nżul u tlugħ u se jsiru f'żona A, B, C and D, kif jidher immarkat bil-magenta fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-baħħara huma b'dan

Mellieħa Bay, shown as point C on chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

A clear horizon is requested from points A, B and C at the angle as shown on chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt), during filming times listed above.

In case of bad weather on the 29th September, 2018, the filming will be carried out on the same day but outside of Valletta Harbour.

Mariners are requested to keep a sharp lookout when navigating in the vicinity of the above areas.

Mariners and vessel operators are to cooperate with the maritime enforcement officers in the area. They are to comply with instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Charts affected: BA 2537, 2538, 211A and 194.

28th September, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 108 of 2018

Roberts Cup – Como to Malta Seaplane Rally – 2018

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Malta Seaplanes Association in collaboration with Aero Club Como will be organising the Roberts Cup – Como to Malta Seaplanes Rally, between Thursday, 4th October, 2018 and Monday, 8th October, 2018. Part of the rally will be held in the Grand Harbour.

The flying displays over the Grand Harbour will be held as follows:

Friday, 5th October, 2018, between 4.00 p.m. and 5.00 p.m.

Saturday, 6th October, 2018, between 10.00 a.m. and 1.00 p.m. and between 2.00 p.m. and 4.00 p.m.

Sunday, 7th October, 2018, between 10.00 a.m. and 1.00 p.m. and between 2.00 p.m. and 4.00 p.m.

All timings are in local time

The displays will consist mainly of landing and take-off maneuvers and will be held within the area A, B, C and D, as shown hatched in magenta on chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt). Mariners are

infurmati illi matul id-dati u ħinijiet imsemmija hawn fuq il-moviment tal-bastimenti jista' jkun ristrett.

Il-Valletta Port Control (Valletta VTS) se jkun qed jmexxi movimenti ta' bastimenti, fuq VHF Channel 12.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'attenzjoni u joqogħdu attenti meta jkunu fil-viċinanzi taż-żona hawn fuq msemmija. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet mogħtija mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u minn uffiċjali ta' infurzar fiż-żona.

Pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum.

Charts affettwati: BA Chart 177, 2538.

It-28 ta' Settembru, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 109 tal-2018

Regatta bil-Qlugħ fil-Bajja ta' Marsaxlokk - Ottubru 2018

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Birżebbuġa Sailing Club se jorganizza r-Regatta Annwali tiegħu għad-*dinghies* nhar is-Sibt, 6 ta' Ottubru, 2018 u l-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2018.

It-tlielaq se jsiru bejn l-10.00 a.m. u l-5.00 p.m. (ħin lokali) fil-jumejn imsemmija.

Il-kategoriji tat-tlielaq se jsiru tul iż-żewġ (2) rotot adjaċenti favur/kontra r-riħ, iċċentrati fiż-żona magħżula skont il-kundizzjonijiet tat-temp dak il-ħin. Pjanta li turi żona A, B u C tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt).

Ir-rotot se jintwerew permezz ta' żubruni li jintefħu, għoljin madwar 1.5 metru, li jduru magħhom il-kompetituri.

It-tlielaq se jsiru meta ma jkunx hemm *merchant traffic* skedat biex jidħol jew joħroġ mit-*Terminals* tal-Malta Freeport.

Sidien ta' biċċiet tal-baħar li mhumiex involuti direttament f'din ir-regatta bil-qlugħ huma mitluba jżommu 'l bogħod miż-żona tat-tlielaq, speċjalment minn kull żubrun li juri meta għandhom iduru, u jobdu kull ordni li tingħata mis-*safety craft* tal-organizzaturi tat-tellieqa u mill-Marsaxlokk Port Control (VTS).

Charts affettwati: BA 36, 2538

It-28 ta' Settembru, 2018

hereby informed that during the dates and times mentioned above traffic movements may be restricted.

Valletta Port Control (Valletta VTS) will be managing the movement of vessels, on VHF Channel 12.

Mariners are to navigate with caution and to keep a sharp lookout when in the vicinity to the above-mentioned area. They are to obey any instructions that are issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12, and Maritime Enforcement vessels in the area.

Positions are in WGS 84 Datum.

Charts affected: BA Chart 177, 2538.

28th September, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 109 of 2018

Sailing Regatta in Il-Bajja ta' Marsaxlokk - October 2018

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Birżebbuġa Sailing Club shall be holding their annual Autumn Regatta for dinghies on Saturday, 6th October, 2018 and Sunday, 7th October, 2018.

Races shall be held between 10.00 a.m. and 5.00 p.m. (local time) on both days.

Class races shall be held over two (2) adjacent upwind/downwind courses, centered in the selected sailing area depending on the weather conditions at the time. A chart showing areas A, B and C is found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

The courses shall be defined by inflatable marks of about 1.5 meters high around which the competitors shall have to sail.

Races will be held when no merchant traffic is scheduled to enter or depart from the Malta Freeport Terminals.

Masters of all craft not directly involved in this Sailing Regatta are asked to keep clear of the racing area, especially at each of the turning marks and observe any instructions that may be given by the race organisers safety craft and by Marsaxlokk Port Control (Marsaxlokk VTS) on VHF Channel 14.

Charts effected: BA 36, 2538

28th September, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 110 tal-2018

Żona Ristretta fl-Imġiebaħ – Il-Bajja tal-Mellieħa

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u sidien ta' bastimenti li minħabba ġebel li qed jaqa' fl-Imġiebaħ, iż-żona mmarkata kif murija fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) bejn punti A u B u l-kosta intermedjarja ġiet iddikjarata perikoluża.

Sa fejn wieħed jista' jasal se jkun delinjat b'ħabel fil-wiċċ fuq bagi suwed u bojod marbuta max-xatt f'punti A u B.

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 58'.132	014° 22'.841
B	35° 58'.089	014° 22'.889

Fid-dawl ta' da ta' hawn fuq, b'seħħ immedjat iż-żona murija mmarkata fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) ġiet iddikjarata bħala żona ristretta għall-għawwiema u bastimenti.

Sidien ta' bastimenti għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jżommu 'l bogħod miż-żona magħluqa meta jbaħħru fil-viċinanza.

Charts affettwati: BA 211A, 211B, 2537, 2538

It-28 ta' Settembru, 2018

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 110 of 2018

Restricted Area at l-Imġiebaħ – Il-Bajja tal-Mellieħa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that due to falling rocks at l-Imġiebaħ, the area as shown hatched on chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) between points A and B and the intermediate coastline has been declared dangerous.

The limit will be delineated by a floating rope supported by black and white buoys connected to the shore at points A and B.

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 58'.132	014° 22'.841
B	35° 58'.089	014° 22'.889

In view of the above, with immediate effect the area shown hatched on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) has been declared as a restricted area to swimmers and for vessels.

Masters of vessels are to note the above and give the enclosed area a wide berth when navigating in the vicinity.

Charts affected: BA 211A, 211B, 2537, 2538

28th September, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 34 tal-2018

Sondaġġi Xjentifiċi tal-Baħar MARCAN
Madwar il-Gżejjer Maltin

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting,* Transport Malta, jgħarraf li se jsir sondaġġ tal-baħar bl-użu ta' tagħmir differenti. Dan is-sondaġġ se jsir mill-bastiment 'RV Hercules'.

Jekk it-temp jippermetti s-sondaġġ se jsir bejn it-Tnejn, l-1 ta' Ottubru, 2018 u s-Sibt, 20 ta' Ottubru, 2018, mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. (ħin lokali), fiż-żona murija mmarkata bil-maġenta fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Parti mis-sondaġġ se jkun jikkonsisti wkoll f'*seismic reflection profiling* matul l-erba' linji A sa B, C sa D, E sa F u G sa H kif muri fuq iċ-*chart* li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 34 of 2018

MARCAN Marine Surveys Round
the Maltese Islands

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a marine survey will be carried out with the use of different equipment. This survey will be carried out by the vessel 'RV Hercules'.

Weather permitting the survey will be carried out between Monday, 1st October, 2018 and Saturday, 20th October, 2018, from 8.00 a.m. to 8.00 p.m. (local time), within the area shown hatched in magenta on chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Part of the survey will also consist of a seismic reflection profiling along the 4 lines A to B, C to D, E to F and G to H as shown on chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Punt	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	36° 07'.208	014° 19'.897
B	36° 16'.321	014° 17'.166
C	36° 02'.593	014° 08'.275
D	36° 12'.739	014° 01'.933
E	35° 57'.582	014° 12'.127
F	35° 54'.354	014° 00'.948
G	35° 53'.162	014° 16'.354
H	35° 45'.447	014° 09'.553

Minħabba li l-bastiment se jkun qed jirmonka tagħmir, huwa se jkun ristrett fl-immanuvrar tiegħu.

Il-baħħara huma ordnati biex ibaħħru b'kawtela meta l-bastiment imsemmi hawn fuq jintlemaħ u jżommu 'l bogħod raġġ ta' 500 metru. Il-baħħara huma wkoll mgħarrfa biex jobdu struzzjonijiet mill-*Valletta Port Control,* (Valletta VTS) fuq VHF *Channel* 12.

Charts affettwati: BA 2537, 2538, 211A, 194, 2123, 2124

It-28 ta' Settembru, 2018

KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Pożizzjoni ta' Maniġer mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

1.1 Il-Kap Eżekuttiv, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jirċievi applikazzjonijiet għal post ta' Maniġer mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

2.0 Perjodu ta' Xogħol u Kundizzjonijiet

Il-persuna li tintgħażel tiġi ingaġġata għal perjodu ta' 36 xahar bħala Maniġer, tali perjodu jista' jiġi mġedded għal aktar perjodi ta' żmien.

Il-grad ta' Maniġer mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa suġġett għal *probation* ta' sena.

Il-post tax-xogħol huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun mitluba li taħdem sa massimu ta' sitt ijiem fil-ġimgħa li jammontaw għal 40 siegħa mifruxa matul sena li jkopru il-ħinijiet tal-ftuħ matul is-sigħat tas-servizz ġenerali.

3.0 Is-salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Maniġer huwa ekwivalenti għal Skala tas-Salarju 7 fejn fis-sena 2018 jammonta għal €23, 432 fis-sena b'żieda kull sena ta' €531 li jitla' sa massimu ta' €26,618.

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	36° 07'.208	014° 19'.897
B	36° 16'.321	014° 17'.166
C	36° 02'.593	014° 08'.275
D	36° 12'.739	014° 01'.933
E	35° 57'.582	014° 12'.127
F	35° 54'.354	014° 00'.948
G	35° 53'.162	014° 16'.354
H	35° 45'.447	014° 09'.553

Since the vessel RV Hercules will be towing equipment, it will be restricted in her ability to manoeuvre.

Mariners are instructed to navigate with caution when the above mentioned vessel is sighted and give a wide berth of 500 metres radius. They are also notified to abide with any instructions from Valletta Port Control, (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Charts Affected: BA 2537, 2538, 211A, 194, 2123, 2124

28th September, 2018

NATIONAL BOOK COUNCIL

Position of Manager with the National Book Council

The Executive Chairman, National Book Council invites applications for the position of Manager with the National Book Council.

2.0 Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a a thirty-six (36) month assignment as a Manager which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Manager is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 The position is on a full-time basis and the selected candidate may be required to work a maximum of a six (6) day working week with an average of forty (40) hours per week distributed over a calendar year that will cover the opening hours during general service hours.

3.0 Salary Pegged to the Position

3.1 The salary attached to the position of a Manager is equivalent to Salary Scale 7 which in the year 2018 is €23,432 per annum rising by annual increments of €531 up to a maximum of €26,618.

4.0 Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' Maniġer jinkludu dan li ġej:

edittjar u kitba ta' rapporti, stqarrijiet u dokumenti, uffiċjali, interni u pubbliċi;

superviżjoni, maniġġjar u amministrazzjoni ta' proġetti maġġuri;

kolloborazzjoni mas-Servizz Pubbliku, is-settur pubbliku u l-aġenziji tal-Gvern;

jirrappreżenta lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'konferenzi stampa, il-midja u laqgħat barra minn Malta;

kontinwament jistudja u josserva lokalment il-pubblikazzjoni tal-kotba u xejriet letterarji;

kontrollar u żamma ta' informazzjoni amministrattiva aġġornata;

esekuzzjoni ta' xogħol ieħor iddelegat mill-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb;

5.0 Rekwiżiti għall-Eġġibbilta

5.1 Sakemm jiskadi ż-żmien u d-data ta' din is-sejħa, l-applikanti jridu jkunu:

(a) ċittadini ta' Malta JEW

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali bħala ċittadini Maltin rigward impieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni Ewropea u dispożizzjonijiet ta' trattati li jolqtu l-moviment ħieles tal-ħaddiema; JEW

(c) ċittadini ta' pajjiżi oħra li huma intitolati għall-istess trattament bħal ċittadini Maltin fejn jidħlu interessi ta' impiegi bis-saħħa tal-applikazzjoni ta' dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni Ewropea u dispożizzjonijiet ta' trattati konnessi ma' moviment ħieles tal-ħaddiema; JEW

(d) persuni oħra li huma intitolati għal trattament ugwali bħala ċittadini Maltin f'materji relatati ma' impiegi f'termini tal-liġi jew il-leġiżlazzjoni Ewropea msemmija hawn fuq u proviżjonijiet ta' trattati, a bazi tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni hekk kif imsemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c); JEW

(e) persuni minn pajjiżi tat-tielet dinja li ġew mogħtija stat ta' perjodu twil biex ikunu residenti f'Malta taħt ir-regolament 4 ta' '*Status of Long-Term Residents (Third Country Nations) Regulations, 2006*' jew li ġew mogħtija

4.0 Duties

4. The duties and responsibilities of a Manager shall include the following:

editing and writing of statements, reports and documents, official, internal and public;

supervising, managing and administrating major projects;

liasing with the Public Service, public sector and government agencies;

representing the National Book Council in press conferences, media and meetings outside Malta;

continuously studying and observing locally published books and literary trends;

handling and keeping updated the administrative data of the National Book Council

carrying out any other duties as delegated by the Executive Chairman of the National Book Council.

5.0 Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta OR

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers, OR

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; OR

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned Eu legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); OR

(e) third country nations who have been granted long-term resident status in Malta under Regulation four of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals} Regulations 2006 or who have been granted a residence permit under

permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3), flimkien mal-familjari tagħhom li ġew mogħtija permess ta' residenza taħt l-att '*Family Reunification Regulations, 2007*'.

Għandu jintalab parir dwar id-dispożizzjonijiet li jidhru hawn fuq mingħand id-Dipartiment dwar iċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati.

L-ingaġġ ta' kandidati msemmija taħt (b), (c), (d) u (e) imsemmija hawn fuq ikun jinħtiġilhom il-ħruġ ta' liċenzja ta' impieg skont ma' hu rikjest mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni subsidjarja. Il-JobsPlus għandu jiġi kkonsultat skont ma' jinħtieġ f'każ bħal dan.

Profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża

Fil-pussess ta':

Kwalifika rikonnoxxuta f'Livell MQF 7 fl-Arti b'minimu ta' 90 ECTS/ECVETS jew ekwivalenti u sena ta' esperjenza rilevanti fix-xogħol; jew

Kwalifika rikonnoxxuta f'Livell MQF 6 fl-Arti b'minimu ta' 180 ECTS/ECVETS jew ekwivalenti u tliet snin ta' esperjenza rilevanti fix-xogħol;. jew

Uffiċjali Pubbliċi fi skala ta' mhux inqas minn 10, illi l-impieg tagħhom f'din l-iskala huwa konfermat u li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'livell MQF 6 fl-Arti b'minimu ta' 180 ECTS/ECVETS jew ekwivalenti; jew

Impjegati minn Setturi Pubbliċi li preżentament qed jagħmlu xogħol fis-Servizz Ċivili ta' Malta u impjegati tal-RSSL, it-tnejn li huma komparattivament b'responsabbiltà ta' Skala 10 fis-Servizz Pubbliku u li l-ħatra tagħhom f'tali livell hija konfermata, u li għandhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell MQF 6 fl-Arti b'minimu ta' 180 ECTS/ECVETS jew ekwivalenti.

Kwalifiki f'livell aktar għoli minn dawk hawnhekk speċifikati jiġu aċċettati għal fini ta' eliġġibiltà sakemm dawn jissodisfaw rekwiżiti ta' suġġetti speċifiċi.

Barra minn dan, kandidati li għadhom ma ġabux formalment kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati sakemm dawn jissottomettu evidenza li huma ġew approvati għall-għoti ta' dawn il-kwalifiki sad-data u l-ħin li tagħlaq is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, esperjenza fix-xogħol relatat imsemmija fil-paragrafu 5.1 tinkludi ukoll esperjenza fir-Relazzjoni Pubblika, Amministrazzjoni u/jew esperjenza maniġerjali.

Ta' karattru tajjeb u morali (applikanti li huma diġà fis-Servizz Pubbliku iridu jipproduċu il-formola '*Service and*

regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nations who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

Be proficient in both the English and Maltese languages

In possession of:

a recognised (Master's) qualification at MQF Level 7 in Arts with a minimum of 90 ECTS/Ecvets or equivalent and one (1) year relevant work experience; or

a recognised qualification MQF level 6 in Arts with a minimum of 100ECTS/ECVETS or equivalent and three (3) years relevant work experience; or

Public officers in a Scale not below Scale 10, whose appointment in such scale has been confirmed, and who are in possession of a recognised qualification at MQF level 6 in Arts with a minimum of 180 ECTS/ECVETS or equivalent: or

Public Sector employees currently performing duties in the Malta Public Servuce and RSSL employees, both at a level of responsibility comparable to scale 10 in the Public Service and whose appointment in such level has been confirmed, and who are in possission of a recognised qualication at MQF level 6 in Arts with a minimum of 180 ECTS/ECVETS or equivalent.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

For the purpose of this call of applications, relevant work experience referred to in paragaraph 5.1 includes also experience in Public Relations, Administration and/or management experience.

Of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave

Leave Record Form (GP 47), filwaqt dawk li qed japplikaw minn barra s-Servizz iridu jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtoritajiet kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn xahar mid-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk kinux xi darba fis-Servizz tal-Gvern u jagħtu d-dettalji.

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni lil dawk l-applikanti li minbarra r-rekwiżiti li jidhru f'paragrafu 5.1 għandhom ukoll Ċertifikat fil-Qari tal-Provi, u

Għarfien estensiv fl-industrija lokali tal-kotba u letteratura u xenarji akkademiċi barranin.

Proficenza fl-użu tat-tielet lingwa bħall-Franċiż, it-Taljan, il-Ġermaniż u l-Ispanjol jiġu kkunsidrati bħala vantaġġ.

5.3 Applikanti prospettivi għandhom jinnotaw il-ħtieġa li jipproduċu dikjarazzjonijiet mill-MQRIC dwar il-kwalifiki tagħhom jew minn awtoritajiet oħra rikonoxxuti, skont il-ħtieġa, skont id-dispożizzjonijiet ta' din is-sejħa.

6.0 Sottomessjoni ta' Dokumenti li Jagħtu Prova

6.1 Il-kwalifiki u/jew esperjenza iridu jkunu ssapportjati b'ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom iridu jkunu mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati ta' Diplomi/Lawrji/Post-Gradwat jew kwalifiki simili jridu jkunu akkumpanjati minn traskrizzjoni bl-Ingliż (Diploma/*Certificate supplement*) li turi l-Lawrja miksuba u l-klassifikazzjoni finali. Kopji skennjati mibgħuta elettronikament jiġu aċċettati.

6.2 Ċertifikati oriġinali u/jew testimonjanzi jridu jiġu ppreżentati għal verifikazzjoni waqt l-intervista.

7.0 Proċedura tal-Għażla

7.1 Applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex tiġi determinata l-konvenzjenza tagħhom għal din il-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess ta' selezzjoni tkun ta' 200 u l-marka biex tgħaddi mill-intervista hija ta' 100.

8.0 Sottomessjoni tal-Applikazzjonijiet

8.1 Applikazzjonijiet flimkien ma' '*Service and Leave Record Form (GP 47)*' aġġornata u sommarju tal-kwalifikazzjonijiet u esperjenza f'format ta' *curriculum vitae* Ewropew iridu jiġu sottomessi lis-Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Librerija Pubblika Ċentrali, Triq il-Prof. Joseph J. Mangion, Il-Furjana FRN 1800, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 26 ta' Ottubru, 2018. Tingħata riċevuta għal kull applikazzjoni.

It-28 ta' Settembru, 2018

Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in the Government Service, giving details).

2.4 Persuna fil-grad ta' *Tradesman (Auto Electrician)* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Tradesman (Auto Electrician)* fi Skala ta' Salarju 14 (€14,928.00 x €316.83 - €16,829.00) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' *Tradesman (Auto Electrician)* jew ħames (5) snin jekk tkun fil-pussess ta' Diploma ta' *Higher Technician*, kwalifika rikonoxxuta, kumparabbli jew kwalifika teknika ogħla, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-*Higher Technician Diploma* hija meqjusa bħala kwalifika f'Livell 5 tal-MQF. Persuna li jkollha kwalifika xierqa, rikonoxxuta, f'Livell 4 tal-MQF, segwita b'sentejn (2) esperjenza xierqa u ppruvata titqies bħala li tissodisfa l-klawsola Diploma ta' *Higher Technician*, jew kwalifika teknika oħra rikonoxxuta u kumparabbli jew kwalifika teknika ogħla.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Tradesman/Senior Tradesman (Auto Electrician)* jinkludu:

(a) tagħmel xogħol ta' dijanjożi u tiswija ta' natura elettrika u/jew elettronika fuq varjetà kbira ta' vetturi, minn

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

Post of Tradesman/Senior Tradesman (Auto Electrician) in the Cleansing and Maintenance Division within the Ministry for Justice, Culture and Local Government

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General, Cleansing and Maintenance Division, Ministry for Justice, Culture and Local Government, invites applications for the post of Tradesman/Senior Tradesman (Auto Electrician) in the Cleansing and Maintenance Division within the Ministry for Justice, Culture and Local Government.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Tradesman (Auto Electrician) is Salary Scale 16, that is, €13,156.00 per annum, rising by annual increments of €263.00 up to a maximum of €14,734.00.

2.3 A Tradesman (Auto Electrician) will progress to Scale 15 (€13,970.00 x €298.00 - €15,758.00) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 A Tradesman (Auto Electrician) will be promoted to the grade of Senior Tradesman (Auto Electrician) in Scale 14 (€14,928 x €316.83 - €16,829.00) on completion of ten (10) years service in the grade of Tradesman (Auto Electrician), or five (5) years if in possession of a Higher Technician Diploma or a recognised, comparable or higher technical qualification, subject to satisfactory performance.

2.5 The Higher Technical Diploma is rated at MQF Level 5. A person in possession of an appropriate, recognised MQF Level 4 qualification, followed by two (2) years proven, appropriate experience, shall be deemed to satisfy the clause Higher Technician Diploma or a recognised, comparable, or higher technical qualification.

Duties

3. The duties of Tradesman/Senior Tradesman (Auto Electrician) include:

(a) undertaking electrical and/or electronic diagnostic and repair work on a wide variety of vehicles and plant ranging

karozzi sa diversi qisien ta' trakkijiet mgħammra b'apparat u impjant ta' tipi diversi, apparat tal-kostruzzjoni bħal gafef, kif ukoll apparat żgħir;

(b) tiċċekkja b'mod regolari sistemi elettriċi u elettroniċi ta' vetturi u ssegwi b'tiswijiet jew xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istess vetturi skont il-ħtieġa;

(c) issib difetti jew ħsarat fi kwalunkwe parti ta' vettura jew biċċa impjant li tinvolvi sistemi, komponenti jew aċċessorji electtriċi jew elettroniċi u ssewwi b'mod xieraq skont kif titlob is-sengħa;

(d) tuża għodda ta' kejl u dijanjożi elettrika u elettronika, minn *multimeters* sa għodda kompjuterizzata li tiffaċilita tiswijiet f'*engine management systems;*

(e) tagħmel użu minn *workshop manuals*, u letteratura teknika oħra, u tinterpreta disinni tekniċi ta' sistemi elettriċi jew elettroniċi sabiex issir dijanjożi u tiswija effettiva;

(f) tħaddem it-tagħrif tekniku, inizjattiva u ħiliet ta' riċerka f'tiswija ta' vetturi u makkinarju b'teknoloġiji ġodda skont il-ħtiġiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien;

(g) tagħmel xogħol tajjeb u ta' kwalità għolja;

(h) tkun konxja minn prattiki tajba ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol tagħha u tapplikahom sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-perikli għal saħħitha u saħħet l-impjegati u danni fuq vetturi jew apparat;

(i) tagħti s-sehem tagħha biex il-post tax-xogħol jinżamm fl-ordni u nadif;

(j) xogħlijiet oħra skont kif mitlub mis-superjuri tagħha;

(k) tkun lesta li taqdi d-doveri hawn fuq imsemmija kemm ġewwa l-*workshops* kif ukoll f'postijiet oħra skont il-bżonnijiet li jinqalgħu;

(l) twettaq dmirjiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Persuna fil-ħatra ta' *Tradesman/Senior Tradesman* (*Auto Electrician*) trid tkun kapaċi wkoll:

(i) tikkomunika tajjeb bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża, miktuba u mitkellma;

(ii) taħdem fuq *engine management systems* moderni u tuża apparat tad-dijanjożi;

from cars to trucks of various sizes with different types of installed plant equipment and earth-moving machinery, as well as light plant equipment;

(b) carrying out regular checking and maintenance works of electrical or electronic systems as necessary on all types of equipment;

(c) diagnosing and identifying faults in any part of a vehicle or piece of plant equipment involving electrical or electronic systems, components or accessories, and repair according to good practice;

(d) be adept in the use of electrical and electronic measuring and diagnostic instruments ranging from multimeters to computerised engine management system fault-finding and scanning tools;

(e) be proficient in the use of vehicle workshop manuals and other technical literature, interpreting electrical drawings and instructions, and following same such that a successful diagnosis and repair can be completed;

(f) applying one's technical knowledge, initiative and research skills when working on new types of vehicles and machinery as the case may be;

(g) carrying out repairs needed to highest level of workmanship;

(h) be aware of and apply on the job health and safety work practices such that risk of injury to self and others and damages to equipment are avoided;

(i) contribute towards good housekeeping and tidyness of the work enviroment;

(j) any other duties as may be deemed necessary by his superiors;

(k) be prepared to carry out all of the above duties both in the workshop as well as on site as the need may arise;

(l) any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary

A person in the grade of Tradesman/Senior Tradesman (Auto Electrician) must also possess the following attributes:

(i) have good communication skills, both verbal and written, in Maltese and English languages;

(ii) be familiar with modern engine management systems and fault finding methods;

(iii) taħdem kemm f'tim u kif ukoll waħidha mingħajr superviżjoni;

(iv) tieħu inizjattiva u responsabbiltà sħiħa tax-xogħol;

(v) taħdem b'mod sigur, bl-inqas periklu għaliha u għall-oħrajn.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u/jew bl-Ingliż;

(iii) work independently and as a team member, without supervision;

(iv) work on own initiative and with full responsibility;

(v) be able to work using safe practice, with minimum of risk to oneself and others.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and/or English languages;

(iii) li jkollhom il-*Journeyman's Certificate* fis-sengħa ta' *Auto Electrician* wara li jkunu temmew b'suċċess kors ta' studju taħt l-*Extended Skills Training Scheme* (ESTS), jew kwalifika rikonxxuta, xierqa, kumparabbli jew ogħla;

JEW

(iv) uffiċjali pubbliċi li l-kompetenza tagħhom fis-sengħa ta' *Auto Electrician* hija ċċertifikata minn *Trade Testing Board* imwaqqaf taħt l-*Employment and Training Services Act*. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal kariga ogħla jridu jkunu ġew ikkonfermati fil-kariga preżenti tagħhom (jew fil-kariga preċedenti skont il-każ)

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); fil-waqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u

(iii) in possession of the Journeyman's Certificate in the trade of Auto Electrician having successfully completed the course of study under the Extended Skills Training Scheme (ESTS) or a recognised, appropriate, or higher qualification;

OR

(iv) public officers whose competence in the trade of Auto Electrician has been certified by a Trade Testing Board set up under the Employment and Training Services Act. Public Officers applying for a higher post must be confirmed in their current (or previous) appointment, (as the case may be).

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a recognized MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the

d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji skennjati mibgħuta b'mod elettroniku jiġu aċċettati. Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn ta' xogħol (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt l-ebda ċirkustanza.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* (http://recruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru, 2018. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat u *curriculum vitae* dettaljat, jintlaqgħu wkoll mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni, Żona Industrijali ta' Kordin, Paola, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable. Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications can be submitted through the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 12th October, 2018. Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) and a detailed curriculum vitae can also be received by the Director General, Cleansing and Maintenance Division, at Corradino Industrial Estate, Paola, by the said closing time and date of this call for application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni, Żona Industrijali ta' Kordin, Paola. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (www.mjcl.gov.mt) u (hr.cleansing@gov.mt).

It-28 ta' Settembru, 2018

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' *Technician/Senior Technician* fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol biex Iservi f'Malta

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Technician/Senior Technician* fil-MEDE biex iservu f'Malta fl-oqsma li ġejjin:

Disinn u Teknoloġija
Xjenza

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' =sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' *Technician* huwa ta' Skala ta' Salarju 15, li fl-2018 huwa, €13,970.00 fis-sena, li jiżdied b'€298.00 fis-sena sa massimu ta' €15,758.00.

submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Director General, Cleansing and Maintenance Division, Corradino Industrial Estate, Paola. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Division are (www.mjcl.gov.mt) and (hr.cleansing@gov.mt).

28th September, 2018

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Technician/Senior Technician within the Ministry for Education and Employment to Serve in Malta

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.0 Introduction

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment (MEDE) invites applications for the post of Technician/Senior Technician within MEDE to serve in Malta in the following area:

Design and Technology
Science

2.0 Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Technician is Salary Scale 15, which in 2018 is, €13,970.00 per annum, rising by annual increments of €298.00 up to a maximum of €15,758.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Technician* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Technician* fi Skala ta' Salarju 14 (€14,928.00 x €316.83 - €16,829.00), dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, wara seba' (7) snin servizz fil-grad, diment li f'każ ta' persuni fil-pussess ta' *Higher Technician Diploma* (HTD) jew kwalifika teknika ekwivalenti jew ogħla, il-perjodu ta' servizz jonqos għal ħames (5) snin.

2.4 Il-*Higher Technician Diploma* hija meqjusa bħala kwalifika f'Livell 5 (b'minimu ta' 60 ECTS/ECVET jew ekwivalenti). Persuna li għandha fil-pussess tagħha kwalifika f'Livell 4 tal-MQF (b'minimu ta' 120 ECTS/ECVET jew ekwivalenti) xierqa, segwita b'sentejn (2) esperjenza ta' xogħol ippruvata, titqies bħala li tissodisfa r-rekwiżiti f'paragrafu 2.3 hawn fuq.

3.0 Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' *Technician* jinkludu:

I. Jikkordina mal-kap tad-dipartiment/għalliema inkarigati/uffiċjali tekniċi anzjani/uffiċjali tekniċi inkarigati sabiex ikunu fformolati listi ta' tagħmir li jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet bil-għan li jinxtara tagħmir ġdid jew partijiet għat-tibdil;

II. Jaħdem u jikkomunika mal-għalliema/STOs/TOs biex jikkompila listi ta' tagħmir u oġġetti li jistgħu jiġu kkunsmati u jintużaw għal lezzjonijiet effettivi u xogħol ta' proġetti tal-istudenti;

III. Jaħdem mal-għalliema/*STOs*/*TOs* rigward listi ta' tagħmir, partijiet għat-tibdil u oġġetti li jiġu kkunsmati għal skop ta' xiri;

IV. Jattendi għal laqgħat, taħriġ, seminars, u seduti għall-iżvilupp tal-istaff hekk kif meħtieġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

V. Iwettaq dmirijiet oħra kif meħtieg mid-Direttorati tal-Edukazzjoni;

VI. Dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Id-dmirjiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Technician* ivarjaw skont l-oqsma msemmija f'paragrafu 1.1. Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta mal-oqsma msemmija f'paragrafu 1.1 jistgħu jinkisbu minn (https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

4.0 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

2.3 A Technician will be promoted to the grade of Senior Technician in Salary Scale 14 (€14,928.00 x €316.83.00 - €16,829.00), subject to satisfactory performance, on completion of seven (7) years service in the grade, provided that in the case of persons in possession of a Higher Technician Diploma (HTD) or equivalent or higher technical qualification, the period of service shall be reduced to five (5) years.

2.4 The Higher Technician Diploma is rated at MQF Level 5 (with a minimum of 60 ECTS/ECVET or equivalent). A person in possession of an MQF Level 4 (with a minimum of 120 ECTS/ECVET or equivalent) appropriate qualification, followed by two (2) years proven experience shall be deemed to satisfy the requirements mentioned in paragraph 2.3 above.

3.0 Duties

3.1 The duties of a Technician include :

I. Coordinating with head of department/teachers-in-charge/senior technical officers/technical officers to compile lists of equipment complete with specifications in view of purchasing new equipment or spare parts;

II. Liaising with Teachers/STOs/TOs so as to compile lists of equipment and consumables which may be required for effective lessons and students' project work;

III. Liaising with Teachers/STOs/TOs on lists of equipment, spare parts and consumables in view of purchasing;

IV. Attending for meetings, training, seminars and staff development sessions as may be deemed necessary both locally and abroad;

V. Performing other duties as may be deemed appropriate by the Education Directorates;

VI. Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 The duties of a Technician varies according to the areas mentioned in paragraph 1.1. A detailed job description of the areas mentioned in paragraph 1.1 may be obtained from (http://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

4.0 Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) temmew b'suċċess kors ta' studju taħt it-*Technician Apprenticeship Scheme (TAS)* fil-Livell 3/4 tal-MQF fil-qasam rilevanti speċifikat f'paragrafu 1.1; JEW

(iv) uffiċjali pubbliċi li jkollhom kwalifika rikonoxxuta (sentejn *full-time* jew ekwivalenti) fil-Livell 4 tal-MQF (*Ordinary Technician Diploma (OTD*) b'mhux anqas minn 120 ECTS/ECVET jew ekwivalenti, fil-qasam rilevanti speċifikat kif indikat f'paragrafu 1.1. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal post ogħla għandhom ikunu konfermati fil-ħatra tagħhom kurrenti (jew ta' qabel, skont il-każ).

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in both the Maltese and English Languages;

(iii) have successfully completed a course of study under the Technician Apprenticeship Scheme (TAS) at MQF Level 3/4 in the relevant area specified in paragraph 1.1; OR

(iv) be public officers with a recognised (two year full-time or equivalent) qualification at MQF Level 4 (Ordinary Technician Diploma (OTD)) with a minimum of 120 ECTS/ECVET or equivalent, in the relevant area specified in paragraph 1.1. Public officers applying for a higher post must be confirmed in their current (or previous) appointment, (as the case may be).

Għall-fini ta' paragrafu 4.1 (iii), is-*Science Laboratory Technician Trainee Course*, organizzat minn MEDE huwa kkunsidrat ekwivalenti għal *Technician Apprenticeship Scheme* (TAS).

4.2 Uffiċjali Pubbliċi li huma diġà fil-grad ta' *Technician/ Senior Technician* jistgħu japplikaw sakemm il-qasam li qed japplikaw għalih huwa differenti minn dak li għandhom bis-saħħa tal-ħatra attwali tagħhom u sakemm l-applikanti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stipulati fil-paragrafi 4.1 (u 4.2, jekk applikabbli). L-applikanti magħżula skont dan il-paragrafu se jiġu ttrasferiti fil-post tax-xogħol fejn tinsab il-vakanza, u jġorru l-grad sostantiv u s-salarju tagħhom.

4.3 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u

For the purposes of paragraph 4.1 (iii), the Science Laboratory Technician Trainee Course run by MEDE is considered as equivalent to the Technician Apprenticeship Scheme (TAS).

4.2 Public Officers who are already in the grade of Technician/Senior Technician may apply provided that the area they are applying for is different to that which they hold by virtue of their current appointment and provided that the applicants satisfies the eligibility requirements stipulated in paragraphs 4.1 (and 4.2, if applicable). Applicants selected in terms of this paragraph will be transferred to the place of work where the vacancy is located, carrying their substantive grade and salary.

4.3 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ ECVET credits, or equivalent, taken as part of a recognized MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.4 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the

d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun imtellgħa mal-applikazzjoni fuq l-*edurecruitment portal* (https://edurecruitment.gov.mt). Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn ta' xogħol (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt ebda ċirkustanza.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 Applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornata fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-*curriculum vitae* (inkluż *l-Employment History* mill-*Jobsplus)*, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni BISS (https://edurecruitment.gov.mt) mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru, 2018.

Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' *email* biex tinfurmak li l-applikazzjoni tiegħek waslet. Aktar informazzjoni tinkiseb mill-*Customer Care* bin-numri tat-telefown 2598 u est. 2463, 2455, 2461.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.0 Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which must be uploaded on the edurecruitment portal https://edurecruitment.gov.mt, when you apply. Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

7.0 Submission of Applications

7.1 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the curriculum vitae (including Employment History from Jobsplus) are to be submitted through the Online Education Recruitment Portal ONLY (https://edurecruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 12th October, 2018.

An automatic receipt will be sent to your email informing you that your application was submitted successfully. Further information may be obtained from the Customer Care on telephone numbers 2598 and ext. 2463, 2436, 2455, 2461, 2467.

7.2 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

7.3 Aktar detalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet msemmija hawn isfel.

8.0 Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabli fid-dawl ta' paragrafu 7.1 hawn fuq)
żamma ta' dokumenti;

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-28 ta' Settembru, 2018

7.3 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.0 Other General Provisions

8.1 Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details (not applicable in view of paragraph 7.1);
retention of documents;

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

28th September, 2018

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' *House Officer* (*Foundation Doctor*) fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (*Resourcing and Employee Relations*), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *House Officer (Foundation Doctor*) fil-Ministeru għas-Saħħa.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' mhux aktar minn mija sitta u ħamsin (156) ġimgħa bħala *House Officer (Foundation Doctor*) fil-Ministeru għas-Saħħa, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra, skont il-*Foundation School Reference Guide*, jekk il-*Foundation Doctor* ikollu/ha bżonn tali estensjoni biex tlesti l-Programm tal-*Foundation*.

2.2 Il-Persuna fil-ħatra ta' *House Officer (Foundation Doctor*) trid issegwi programm ta' taħriġ bil-għan li ġġib

MINISTRY FOR HEALTH

Position of House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Resourcing and Employee Relations), Ministry for Health invites applications for the position of House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into an assignment of not more than one hundred and fifty-six (156) weeks as a House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health**,** which may be renewed for further periods, as per Foundation School Reference Guide, should the Foundation Doctor require such extension in order to complete the Foundation Programme.

2.2 The House Officer (Foundation Doctor) is to follow the training programme with the aim of obtaining the

il-*Foundation Programme Completion Certificate (FPCC)* sabiex -tkun eliġibbli li tapplika għat-taħriġ tal-*Basic Specialist* jew tal-*General Practitioner* Aktar informazzjoni fuq il-*Malta Foundation Programme* li hu affiljat mal-*United Kingodom Foundation Programme* tista' tinkiseb fuq (http://www.fpdoctors.info).

2.3 Il-pożizzjoni ta' *House Officer (Foundation Doctor*) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.4 Peress li l-pożizzjoni ta' *House Officer (Foundation Doctor*), hi *time-barred*, tali tikkostitwixxi raġuni oġġettiva f'termini tar-Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *House Officer (Foundation Doctor*) huwa ekwivalenti għal taġa 5 fi Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2018 huwa ta' € 22,379.34 fis-sena). Mat-tlestija ta' sena (1) servizz sodisfaċenti fil-pożizzjoni ta' *Foundation Doctor,* persuna fil-ħatra tipprogressa għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 li fis-sena 2018 huwa ta' €23,274 fis-sena). *Foundation Trainee Specialisation Allowance* ta' €2,900 fl-Ewwel Sena u €3,310 fit-Tieni Sena li jitħallsu lill-*House Officer (Foundation Doctor)* f'*installments* ta' tlett xhur b'lura. *Special Duty Allowance* ta' €4,800 jitħallsu lill-*Foundation Doctors* li jaħdmu fuq bażi ta' *roster* fid-Dipartiment tal-Aċċidenti u Emergenza, l-Unità tal-Kura Intensiva jew fiċ-Ċentri tas-Saħħa. Din l-*allowance* tiġi mħallsa *quarterly* b'lura. *Foundation Doctors* jwettqu dmirijiet f'dawn l-oqsma ma jkunux intitolati għal xift *allowance*.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *House Officer (Foundation Doctor)* jinkludu li:

(a) tassisti fit-twassil ta' kura tas-saħħa fl-isptarijiet u f'ħafna *settings* tal-kura tas-saħħa tal-Ministeru għas-Saħħa;

(b) taħdem fid-Dipartiment rispettiv fil-Ministeru għas-Saħħa. Hi taħdem il-ħin kollu taħt is-superviżjoni tas-superjuri tagħha u tkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat;

(c) tipparteċipa f'attivitajiet akkademiċi organiżżati fi ħdan id-Dipartiment rispettiv;

(d) ttemm b'suċċess ir-rekwiżiti tal-*Foundation Progamm* kif speċifikat fil-Gwida ta' Referenza flimkien ma' dawk speċifikati mill-*Malta Foundation School*. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq il-websajt (http://www.fpdoctors.info);

Foundation Programme Completion Certificate (FPCC) in order to be eligible to apply for the Basic Specialist Training or General Practitioner Training. More information about the Malta Foundation Programme which is affiliated to the United Kingdom Foundation Programme may be found at (http://www.fpdoctors.info).

2.3 The position of House Officer (Foundation Doctor) is subject to a probationary period of one (1) year.

2.4 Since the position of House Officer (Foundation Doctor) is time-barred, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

Salary Pegged to the Position

